



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2013/2113(INI)

8.10.2013

EMENDI

1 - 171

Abbozz ta' rapport
Vittorio Prodi
(PE521.520v01-00)

dwar Strateġija Ewropea għall-Iskart tal-Plastik fl-Ambjent
(2013/2113(INI))

Emenda 1

Margrete Auken

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (RoHS)

Or. en

Emenda 2

Karl-Heinz Florenz, Elena Oana Antonescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2011 intitolata "Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza – Inizjattiva ewlenija taħt l-Istrateġija Ewropa 2020" (KUMM(2011) 0021),

wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2011 intitolata "Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza – Inizjattiva ewlenija taħt l-Istrateġija Ewropa 2020" (KUMM(2011) 0021), **kif ukoll ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza (P7 – TA(2012)0223),**

Or. en

Emenda 3

Gerben-Jan Gerbrandy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 dwar Ewropa li tuża

*r-riżorsi b'effiċjenza, (P7 – TA
(2012)0223),*

Or. en

Emenda 4
Gerben-Jan Gerbrandy
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu
tal-20 ta' April 2012 dwar l-assigurazzjoni
ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna:
strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-
2020 (P7 – TA(2012)0146),*

Or. en

Emenda 5
Gerben-Jan Gerbrandy
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-
Kummissjoni intitolata "L-assigurazzjoni
ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna:
strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-
2020' (COM(2011)244),*

Or. en

Emenda 6
Margrete Auken
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*wara li kkunsidra d-Deċiżjoni xxxx/2013
tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni*

Emenda 7
Marusya Lyubcheva
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi l-iskart tal-plastik mhuwiex indirizzat speċifikament **mill-leġiżlazzjoni** tal-UE;

Emenda

A. billi l-iskart tal-plastik mhuwiex indirizzat speċifikament **mil-leġiżlazzjoni** tal-UE **u mhux meqjus bħala parti mill-fluss ġenerali ta' skart minkejja l-karatteristiċi partikolari tiegħu**;

Emenda 8
Margrete Auken
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi l-iskart tal-plastik jista' jipersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, **jipprovoka reazzjonijiet tossiċi** u jirrilaxxa interferenti endokrinali, **elementi** karċinoġeni u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi;

Emenda

B. billi l-iskart tal-plastik jista' jipersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, **joqtol il-ħajja marina** u jirrilaxxa interferenti endokrinali, **sustanzi li huma** karċinoġeni, **mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni, metalli tqal** u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi;

Emenda 9
Karl-Heinz Florenz
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi l-iskart tal-plastik jista' jipersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, jipprovoka

Emenda

B. billi l-iskart tal-plastik jista' jipersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, jipprovoka

reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa interferenti endokrinali, elementi karċinoġeni u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi;

reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa interferenti endokrinali, elementi karċinoġeni u sustanzi organiċi li **jistgħu** jniġġsu persistenti fl-ekosistemi;

(Traduzzjoni żbaljata meta mqabbla mal-EN)

Or. de

Emenda 10
Radvilè Morkūnaitè-Mikulėnienė
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi l-iskart tal-plastik jista' jipersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, jipprovoka reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa interferenti endokrinali, elementi karċinoġeni u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi;

Emenda

B. billi ***l-użu ta' kuljum tal-plastik għandu bħala effett li*** l-iskart tal-plastik ***jinġema' fi kwantitajiet kbar, u li dan*** jista' jipersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, jipprovoka reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa interferenti endokrinali, elementi karċinoġeni u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi;

Or. It

Emenda 11
Daciana Octavia Sârbu
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi l-iskart tal-plastik jista' jipersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, jipprovoka reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa interferenti endokrinali, elementi karċinoġeni u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi;

Emenda

B. billi l-iskart tal-plastik jista' jipersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, jipprovoka reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa interferenti endokrinali, elementi karċinoġeni u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi ***u l-katina alimentari***;

Or. en

Emenda 12
Sabine Wils
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi l-iskart tal-plastik jista' jippersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, jipprovoka reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa interferenti endokrinali, elementi karċinoġeni u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi;

Emenda

B. billi l-iskart tal-plastik jista' jippersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, jipprovoka reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa interferenti endokrinali, elementi karċinoġeni u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi, **inkluż il-katina alimentari, li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-bnedmin;**

Or. en

Emenda 13
Marusya Lyubcheva
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi ***l-iskart*** tal-plastik ***jista'*** jippersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, jipprovoka reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa interferenti endokrinali, elementi karċinoġeni u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi;

Emenda

B. billi ***l-biċċa l-kbira tal-iskart*** tal-plastik ***mhuwiex bijodegradabbli u*** jippersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, jipprovoka reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa ***partiċelli, inklużi partiċelli ta' daqs nanometriku li jidħlu fil-katina tal-ikel permezz tal-ħamrija u l-baħar, kif ukoll*** interferenti endokrinali, elementi karċinoġeni u sustanzi organiċi li jniġġsu persistenti fl-ekosistemi;

Or. bg

Emenda 14
Anna Rosbach
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ba. billi l-iskart tal-plastik jiffirma parti kbira mill-kwistjoni li dejjem qed tikber dwar iż-żibel fil-baħar, li jniġġes l-ilmijiet

tagħna u jagħmel ħsara lill-kreaturi li jgħixu fl-ambjent tal-baħar u l-madwar;

Or. en

Emenda 15
Anna Rosbach
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Bb. billi għandhom isiru iktar sforzi sabiex l-iskart tal-plastik li attwalment qed iniġġes l-ilmijiet tagħna jinġabar, jintuża mill-ġdid u jiġi rriċiklat;

Or. en

Emenda 16
Margrete Auken
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

C. billi implimentazzjoni u infurzar dgħajfa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart, ir-rimi illegali u ***t-trasport mhux xieraq*** tal-iskart tal-plastik wasslu għal danni sinifikanti fl-ambjent u l-ħajja marina, ***u għal żidiet fl-esportazzjoni tal-iskart, li jirriżultaw f'telf ta' materjali*** u impjegi fl-UE;

C. billi implimentazzjoni u infurzar dgħajfa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart, ***innuqqas ta' miri rilevanti u mekkaniżmi ta' preżżijiet***, ir-rimi illegali u ***ż-żieda tal-esportazzjonijiet*** tal-iskart tal-plastik, ***b'mod partikolari l-esportazzjonijiet illegali***, wasslu għal danni sinifikanti fl-ambjent u l-ħajja marina, ***li rriżultaw fit-telf ta' materjal*** u impjegi fl-UE ***u fi ħsara għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent fl-UE u fil-pajjiżi terzi***;

Or. en

Emenda 17
Gaston Franco
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

C. billi implimentazzjoni u infurzar dgħajfa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart, irrimi illegali u t-trasport mhux xieraq tal-iskart tal-plastik wasslu għal danni sinifikanti fl-ambjent u l-ħajja marina, u għal żidiet fl-esportazzjoni tal-iskart, li jirriżultaw f'telf ta' materjali u impjegi fl-UE;

Emenda

C. billi implimentazzjoni u infurzar dgħajfa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart, irrimi illegali u t-trasport mhux xieraq tal-iskart tal-plastik wasslu għal danni sinifikanti fl-ambjent u l-ħajja marina, u **domanda insuffiċjenti ta' materjali riċiklati wasslu** għal żidiet fl-esportazzjoni tal-iskart, li jirriżultaw f'telf ta' materjali u impjegi fl-UE;

Or. fr

Emenda 18
Marusya Lyubcheva
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

C. billi implimentazzjoni u infurzar dgħajfa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart, irrimi illegali u t-trasport mhux xieraq tal-iskart tal-plastik **wasslu** għal danni sinifikanti fl-ambjent u l-ħajja marina, u għal żidiet fl-esportazzjoni tal-iskart, li jirriżultaw f'telf ta' materjali u impjegi fl-UE;

Emenda

C. billi implimentazzjoni u infurzar dgħajfa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart, irrimi illegali u **l-imballaġġ, l-ipproċessar u iwasslu** għal danni sinifikanti fl-ambjent u l-ħajja marina, u għal żidiet fl-esportazzjoni tal-iskart, li jirriżultaw f'telf ta' materjali u impjegi fl-UE;

Or. bg

Emenda 19
Marusya Lyubcheva
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Ca. billi n-nuqqas ta' strateġija u regolamentazzjoni mmirati, kif ukoll id-diffikultajiet tekniċi tat-trattament tal-iskart tal-plastik jikkontribwixxu għaż-żieda tad-danni kkawżati lis-saħħa tal-bniedem minħabba l-akkumulazzjoni tiegħu;

Emenda

Emenda 20
Ismail Ertug
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ca. billi t-tnaqqis qawwi fl-użu ta' boroż tal-plastik fl-Irlanda jenfasizza l-effettività ta' taxxa fuq dan it-tip ta' prodotti u billi miżuri bħal dawn jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-evitar ta' skart tal-plastik;

Emenda 21
Anna Rosbach
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ca. billi l-iskart tal-plastik ma għandux jibqa' jitqies bħala żibel iżda minflok għandu jitqies bħala riżorsa;

Emenda 22
Kathleen Van Brempt
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ca. billi r-regolamentazzjoni attwali ma twassalx għal implimentazzjoni koerenti tal-ġerarkija prevista fil-qasam tal-iskart, li hija raġuni għaliex perċentwal kbir ħafna tal-materjali tal-plastik li potenzjalment jistgħu jergħu jintużaw u/jew jiġu rriċiklati qed jintilfu fl-inċineraturi tal-iskart; billi projbizzjoni fuq ir-rimi f'miżbliet tal-iskart tal-plastik

ma tippermettix, fiha nfisha, l-irkupru tal-materja prima bil-mod mixtieq minħabba li dawn il-volumi jiġu diretti lejn l-inċineraturi;

Or. nl

Emenda 23

Andrés Perelló Rodríguez
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ca. billi fil-każ tal-iskart tal-plastik għandhom jiġu enfasizzati l-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni, filwaqt li jiġi mħeġġeġ li l-produtturi jagħżlu materjali alternattivi u aktar sostenibbli meta jiġu ddisinjati l-prodotti tagħhom.

Or. es

Emenda 24

Kathleen Van Brempt
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Cb. billi fl-2010, xejn inqas minn 95.5 biljun basket tal-plastik ġew ikkummerċjalizzati fl-Unjoni Ewropea kollha u l-maġġoranza tagħhom, jiġifieri 92 %, kienu li jintużaw darba;

Or. nl

Emenda 25

Anna Rosbach
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Cb. billi mhux l-Istati Membri kollha

qegħdin jagħmlu biżżejjed biex jissortjaw u jirriċiklaw l-iskart tal-plastik;

Or. en

Emenda 26

Margrete Auken

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

D. billi l-ekoinnovazzjoni u l-ekodisinn fil-prodotti tal-plastik huma kruċjali għall-kompetittività, jgħinu lill-industrija tadatta għall-pressjonijiet ta' prezzijiet tar-riżorsi għoljin u l-iskarsità tal-materjali, u jiżviluppaw it-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali (KETs) għal soċjetà sostenibbli;

Emenda

D. billi l-ekoinnovazzjoni u l-ekodisinn fil-prodotti tal-plastik huma kruċjali għall-kompetittività, jgħinu lill-industrija tadatta għall-pressjonijiet ta' **żvilupp sostenibbli**, prezzijiet tar-riżorsi għoljin u l-iskarsità tal-materjali, u jiżviluppaw it-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali (KETs) għal soċjetà sostenibbli;

Or. en

Emenda 27

Christofer Fjellner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

D. billi ***l-ekoinnovazzjoni u l-ekodisinn*** fil-prodotti tal-plastik huma kruċjali għall-kompetittività, jgħinu lill-industrija tadatta għall-pressjonijiet ta' prezzijiet tar-riżorsi għoljin u l-iskarsità tal-materjali, u jiżviluppaw it-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali (KETs) għal soċjetà sostenibbli;

Emenda

D. billi ***l-innovazzjoni u d-disinn*** fil-prodotti tal-plastik huma kruċjali għall-kompetittività, jgħinu lill-industrija tadatta għall-pressjonijiet ta' prezzijiet tar-riżorsi għoljin u l-iskarsità tal-materjali, u jiżviluppaw it-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali (KETs) għal soċjetà sostenibbli;

Or. en

Emenda 28

Gerben-Jan Gerbrandy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Da. billi l-basktijiet tal-plastik huma sors importanti ta' tniġġis u għaldaqstant huma ristretti jew projbiti f'iżjed minn kwart tal-pajjiżi tad-dinja;

Or. en

Emenda 29
Marusya Lyubcheva
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Da. billi l-vantaġġi tal-materjali tal-plastik joffru l-opportunità ta' tkabbir kontinwu tal-firxa u l-mudelli tagħhom, kif ukoll żieda fl-użu tagħhom li jwasslu għal żieda qawwija fil-volumi u l-varjetà ta' skart tal-plastik;

Or. bg

Emenda 30
Margrete Auken
f' isem il-Grupp Verts/ALE
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

E. billi l-UE tista' tibbenefika f' termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

E. billi l-UE tista' tibbenefika f' termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata, **mhux tossika** u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart **mhux perikoluż li jista' jintuża mill-ġdid/huwa riċiklabbli** bħala riżorsa **u applikazzjoni stretta tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fid-Direttiva 2008/98/KE;**

Or. en

Emenda 31
Oreste Rossi, Elisabetta Gardini
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi l-UE **tista'** tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn **sforz robust għal mixja lejn** ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

Emenda

E. billi **grad ogħla ta' riċiklaġġ jista' jgħin** l-UE tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn **sforzi robusti biex titmexxa 'l quddiem** ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

Or. en

Emenda 32
Karl-Heinz Florenz, Elena Oana Antonescu
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi **l-UE** tista' tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

Emenda

E. billi **prestazzjoni aħjar fir-riċiklaġġ** tista' **tgħin l-UE** tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

Or. en

Emenda 33
Christa Klauß
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi l-UE tista' tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

Emenda

E. billi **permezz ta' iktar riċiklaġġ** l-UE tista' tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

Emenda 34
Gerben-Jan Gerbrandy
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi l-UE tista' tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

Emenda

E. billi l-UE tista' tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata, **effiċjenti fl-użu tar-riżorsi**, u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

Or. en

Emenda 35
Anna Rosbach
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi l-UE tista' tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u **tkabbir** minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

Emenda

E. billi l-UE tista' tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet, **tkabbir** u **sigurtà tal-provvista** minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala riżorsa;

Or. en

Emenda 36
Marusya Lyubcheva
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi l-UE tista' tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala

Emenda

E. billi l-UE tista' tibbenefika f'termini ta' ħolqien tax-xogħlijiet u tkabbir minn sforz robust għal mixja lejn ekonomija bbilanċjata u ċirkulari minn nieqa sa nieqa, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart bħala

riżorsa;

materja prima sekondarja;

Or. bg

Emenda 37

Karl-Heinz Florenz, Elena Oana Antonescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ea. billi l-potenzjal ekonomiku għar-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik huwa ħafna ogħla mit-33 % milħuq rigward l-iskart tal-imballaġġ tal-plastik u l-25 % milħuq rigward l-iskart totali tal-plastik fil-mument;

Or. en

Emenda 38

Andrés Perelló Rodríguez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ea. billi r-rati għolja tar-riċiklaġġ joffru soluzzjonijiet għan-nuqqas tal-materja prima.

Or. es

Emenda 39

Karl-Heinz Florenz, Elena Oana Antonescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Eb. billi l-istatistika dwar l-ammont ta' skart tal-plastik esportat 'il barra mill-UE hija, fil-parti l-kbira, nieqsa;

Or. en

Emenda 40
Andrés Perelló Rodríguez
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Eb. billi xi konsumaturi infurmati jista' jkollhom rwol deċiżiv fil-promozzjoni ta' linji gwida aktar sostenibbli tal-produzzjoni għall-plastik u prodotti tal-plastik li jippromwovu wkoll l-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u li, fuq kollox, huwa meħtieġ l-għarfien biex itemmu l-perċezzjoni tal-plastik bħala materjal li ma jagħmilx ħsara, ta' spejjeż baxxi u mingħajr ebda valur fih innifsu.

Or. es

Emenda 41
Karl-Heinz Florenz, Elena Oana Antonescu
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ec. billi huwa stmat li madwar 80 miljun tunnellata ta' skart tal-plastik qed jibqgħu fil-wieċ fl-Oċean Atlantiku u l-Oċean Paċifiku;

Or. en

Emenda 42
Vittorio Prodi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġiżlazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar **rigoruża** tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġiżlazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni **u infurzar** iktar **rigorużi** tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart, **b'mod speċifiku rigward il-**

Or. en

Emenda 43
Gaston Franco
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik ***f'konformità mar-regolament dwar l-iskart*** kif ukoll implimentazzjoni iktar rigoruża ***u armonizzata*** tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart, ***b'mod partikolari fl-Istati Membri li għadhom ma laħqux l-oġettivi tar-riċiklaġġ eżistenti;***

Or. fr

Emenda 44
Elena Oana Antonescu
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll ***implimentazzjoni*** iktar rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll ***it-traspożizzjoni sħiħa u l-implimentazzjoni*** iktar rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart ***fit-28 Stat Membru kollha tal-Unjoni Ewropea;***

Or. ro

Emenda 45
Karl-Heinz Florenz, Elena Oana Antonescu
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar **koerenti kif ukoll iktar** rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Or. en

Emenda 46
Oreste Rossi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar **uniformi, konsistenti u** rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Or. en

Emenda 47
Christa Klaß
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar **uniformi, iktar konsistenti u iktar** rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Or. de

Emenda 48
Margrete Auken

f' isem il-Grupp Verts/ALE
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u **jagħraf** il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u **jinsisti fuq** il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar **uniformi u** rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Or. en

Emenda 49
Elisabetta Gardini
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni **iktar** rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni **konsistenti u** rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Or. en

Emenda 50
Christofer Fjellner
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal **leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll** implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Or. en

Emenda 51
Jolanta Emilia Hibner
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal **leġiżlazzjoni speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll** implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Or. pl

Emenda 52
Anna Rosbach
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal **leġiżlazzjoni** speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Emenda

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal **azzjoni** speċifika tal-UE dwar l-iskart tal-plastik kif ukoll implimentazzjoni iktar rigoruża tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart;

Or. en

Emenda 53
Elena Oana Antonescu
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1a. Huwa konxju wkoll dwar il-fatt li ċerti Stati Membri se jkollhom bżonn perjodu ta' tranżizzjoni biex jilhqqu l-miri stabbiliti fil-livell Ewropew;

Emenda

Or. ro

Emenda 54
Sabine Wils

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Jenfasizza li fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart hemm ġerarkija tal-iskart li għandha tiġi rrispettata fil-ġestjoni tal-iskart tal-plastik li skontha r-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik huwa l-aqwa għażla segwit mill-irkupru tal-enerġija, waqt li r-rimi fil-miżbliet huwa biss l-aħħar soluzzjoni inevitabbli.

Or. en

**Emenda 55
Elena Oana Antonescu
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1b. Iqis li l-pjanifikazzjoni strateġika tista' tkun il-punt ta' tluq għal ġestjoni tajba tal-iskart;

Or. ro

**Emenda 56
Christa Klauß
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Jinnota li l-plastik fil-qasam tal-ippakkjar jikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-kwalità u għall-estensjoni tal-ħajja fuq l-ixkaffa ta' prodotti ta' kull tip, u għalhekk għaż-żieda fil-kwalità tal-ħajja; jenfasizza l-ħtieġa tal-perspettiva differenzjata, li tgħid li l-imballaġġ tal-plastik mhux f'kull każ huwa l-metodu meħtieġ biex tittawwal il-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa; jenfasizza l-ħtieġa biex tissaħħaħ il-

kuxjenza taç-çittadini li l-materjal tal-plastik mhux neçessarjament materjal mhux riutilizzabbli jew skart, iżda fil-biçça l-kbira tal-każijiet jista' jintuża iktar minn darba;

Or. de

Emenda 57
Jolanta Emilia Hibner
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Jenfasizza li biex tagħmel l-approçċ tal-KE lejn il-flussi tal-iskart iktar konsistenti fi ħdan qafas tal-“kontroll tal-idoneità” tal-leġislazzjoni ta’ bħalissa, u peress li madwar 40 % tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ filwaqt li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b’mira speçifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik, ***huwa meħtieġ bħala kwistjoni ta’ urġenza li tiġi riveduta dik id-Direttiva billi jiġu sseparati n-normi tal-iskart li jappartjenu għall-isfera tal-ambjent mir-regoli u l-istandards tal-prodotti bħalma huma dawk li jaqgħu taħt l-umbrella tal-leġislazzjoni industrijali jew kummerçjali;***

Emenda

2. Jenfasizza li biex tagħmel l-approçċ tal-KE lejn il-flussi tal-iskart iktar konsistenti fi ħdan qafas tal-“kontroll tal-idoneità” tal-leġislazzjoni ta’ bħalissa, u peress li madwar 40 % tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ filwaqt li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b’mira speçifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik;

Or. pl

Emenda 58
Gaston Franco
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Jenfasizza li biex tagħmel l-approçċ tal-KE lejn il-flussi tal-iskart iktar konsistenti fi ħdan qafas tal-“kontroll tal-idoneità” tal-leġislazzjoni ta’ bħalissa, u peress li ***madwar 40 % tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ filwaqt li*** d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b’mira

Emenda

2. Jenfasizza li biex tagħmel l-approçċ tal-KE lejn il-flussi tal-iskart ***u l-ekonomija ċirkulari*** iktar konsistenti fi ħdan qafas tal-“kontroll tal-idoneità” tal-leġislazzjoni ta’ bħalissa, u peress li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b’mira speçifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik

speċifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik, huwa *meħtieġ bħala kwistjoni ta' urġenza li tiġi riveduta dik id-Direttiva billi jiġu sseparati n-normi tal-iskart li jappartjenu għall-isfera tal-ambjent mir-regoli u l-istandards tal-prodotti bħalma huma dawk li jaqgħu taħt l-umbrella tal-leġiżlazzjoni industrijali jew kummerċjali;*

domestiku, kummerċjali u industrijali u li, min-naħa l-oħra, l-imballaġġ tal-plastik jikkostitwixxi 40 % tal-iskart tal-plastik, filwaqt li l-oħrajn, inklużi ma' materjal ieħor fil-prodotti, huma aktar diffiċli biex jiġu rriċiklati u rkuprati, huwa neċessarju li terġa' tiġi vvalutata din id-Direttiva sabiex fiha jiġu inklużi r-regoli ta' ekodisinn tal-imballaġġ tal-plastik filwaqt li jinżammu l-oġġettivi tar-riċiklaġġ.

Or. fr

Emenda 59

Margrete Auken

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Jenfasizza li biex tagħmel l-approċċ tal-KE lejn il-flussi tal-iskart iktar konsistenti fi ħdan qafas tal-“kontroll tal-idoneità” tal-leġiżlazzjoni ta' bħalissa, u peress li madwar **40 %** tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ filwaqt li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b'mira speċifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik, huwa meħtieġ bħala kwistjoni ta' urġenza li tiġi riveduta dik id-Direttiva *billi* jiġu sseparati *n-normi* tal-iskart li jappartjenu *għall-isfera tal-ambjent mir-regoli u l-istandards tal-prodotti bħalma huma dawk li jaqgħu taħt l-umbrella tal-leġiżlazzjoni industrijali jew kummerċjali;*

Emenda

2. Jenfasizza li biex tagħmel l-approċċ tal-KE lejn il-flussi tal-iskart iktar konsistenti fi ħdan qafas tal-“kontroll tal-idoneità” tal-leġiżlazzjoni ta' bħalissa, u peress li madwar **40 %** tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ filwaqt li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b'mira speċifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik, huwa meħtieġ bħala kwistjoni ta' urġenza li tiġi riveduta dik id-Direttiva *u* jiġu *introdotti, b'konformità mal-ġerarkija* tal-iskart, *l-ewwel nett, rekwiżiti ċari dwar il-prevenzjoni kemm f'termini tat-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart kif ukoll tal-eliminazzjoni gradwali tal-użu tal-plastik li jiddependi fuq materjali/addittivi perikolużi, u t-tieni nett, miri ta' użu mill-ġdid;*

Or. en

Emenda 60

Marusya Lyubcheva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Jenfasizza li biex tagħmel l-approċċ tal-KE lejn il-flussi tal-iskart iktar konsistenti fi ħdan qafas tal-“kontroll tal-idoneità” tal-leġiżlazzjoni ta’ bħalissa, u peress li madwar 40 % tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ filwaqt li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b’mira speċifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik, huwa meħtieġ bħala kwistjoni ta’ urġenza li tiġi riveduta dik id-Direttiva billi jiġu sseparati n-normi tal-iskart li jappartjenu għall-isfera tal-ambjent mir-regoli u l-istandards tal-prodotti bħalma huma dawk li jaqgħu taħt l-umbrella tal-leġiżlazzjoni industrijali jew kummerċjali;

Emenda

2. Jenfasizza li biex tagħmel l-approċċ tal-KE lejn il-flussi tal-iskart iktar konsistenti fi ħdan qafas tal-“kontroll tal-idoneità” tal-leġiżlazzjoni ta’ bħalissa, u peress li madwar 40 % tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ ***u minn prodotti li jintużaw darba*** filwaqt li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b’mira speċifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik, huwa meħtieġ bħala kwistjoni ta’ urġenza li tiġi riveduta dik id-Direttiva billi jiġu sseparati n-normi tal-iskart li jappartjenu għall-isfera tal-ambjent mir-regoli u l-istandards tal-prodotti bħalma huma dawk li jaqgħu taħt l-umbrella tal-leġiżlazzjoni industrijali jew kummerċjali;

Or. bg

Emenda 61

Anna Rosbach

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Jenfasizza li biex tagħmel l-approċċ tal-KE lejn il-flussi tal-iskart iktar konsistenti fi ħdan qafas tal-“kontroll tal-idoneità” tal-leġiżlazzjoni ta’ bħalissa, u peress li madwar 40 % tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ filwaqt li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b’mira speċifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik, huwa meħtieġ ***bħala kwistjoni ta’ urġenza*** li tiġi riveduta dik id-Direttiva billi jiġu sseparati n-normi tal-iskart li jappartjenu għall-isfera tal-ambjent mir-regoli u l-istandards tal-prodotti bħalma huma dawk li jaqgħu taħt l-umbrella tal-leġiżlazzjoni industrijali jew kummerċjali;

Emenda

2. Jenfasizza li biex tagħmel l-approċċ tal-KE lejn il-flussi tal-iskart iktar konsistenti fi ħdan qafas tal-“kontroll tal-idoneità” tal-leġiżlazzjoni ta’ bħalissa, u peress li madwar 40 % tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ filwaqt li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b’mira speċifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik, huwa meħtieġ li ***jiġu implimentati aħjar id-direttivi eżistenti kif ukoll li*** tiġi riveduta dik id-Direttiva billi jiġu sseparati n-normi tal-iskart li jappartjenu għall-isfera tal-ambjent mir-regoli u l-istandards tal-prodotti bħalma huma dawk li jaqgħu taħt l-umbrella tal-leġiżlazzjoni industrijali jew kummerċjali;

Or. en

Emenda 62
Oreste Rossi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Jenfasizza li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ eżistenti għandha tiġi implimentata u infurzata b'mod usa' u iżjed konsistenti; jenfasizza li l-prinċipji tas-suq intern fid-Direttiva dwar l-Imballaġġ ma ostakolawx l-objettivi ambjentali meta l-miri tal-proposti kellhom l-għan ġenwin li jilħqu standards ambjentali ogħla; jemmen bil-qawwi li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ tipprowdi bażi solida biex jiġi ttrattat l-iskart; jitlob li fid-Direttiva jiġu inklużi miri speċifiċi armonizzati ta' riċiklaġġ tal-fluss tal-iskart, li jistgħu jstimolaw iktar ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik, u joħlqu kundizzjonijiet ekwi b'konformità mal-ġerarkija tal-iskart;

Or. en

Emenda 63
Elisabetta Gardini
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Jenfasizza li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ eżistenti għandha tiġi implimentata u infurzata b'mod usa' u iżjed konsistenti; jenfasizza li l-prinċipji tas-suq intern fid-Direttiva dwar l-Imballaġġ ma ostakolawx l-objettivi ambjentali meta l-miri tal-proposti kellhom l-għan ġenwin li jilħqu standards ambjentali ogħla; jemmen bil-qawwi li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ tipprowdi bażi solida biex jiġi ttrattat l-iskart tal-imballaġġ; jitlob li fid-Direttiva jiġu inklużi miri speċifiċi armonizzati ta' riċiklaġġ tal-fluss tal-iskart, li jistgħu jstimolaw iktar ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-

*plastik, u joħlqu kundizzjonijiet ekwi
b'konformità mal-ġerarkija tal-iskart;*

Or. en

Emenda 64
Karl-Heinz Florenz, Elena Oana Antonescu
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*2a. Jenfasizza li kwalunkwe regolament
fil-futur għandu jinkludi miri speċifiċi ta'
riċiklaġġ tal-fluss tal-iskart sabiex jiġi
stimolat ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik;*

Or. en

Emenda 65
Andrés Perelló Rodríguez
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*2a. Għalhekk, u fl-iżvilupp tal-proposti
tagħha futuri, il-Kummissjoni għandha
tqis li l-iskart tal-plastik mhux spiss ikun
materjal omoġenu, iżda li attwalment il-
flussi ta' dan l-iskart huma komposti
minn diversi materjali, addittivi jew
komposti ta' tipi differenti ta' plastik li
jeħtieġu trattament differenti. Dan il-fatt,
li jagħmel il-proċessi attwali ta' riċiklaġġ
jew ta' valutazzjoni diffiċli, m'għandux
ikun ta' ostakolu għal-leġiżlazzjoni
speċifika dwar l-iskart tal-plastik fil-livell
tal-UE, iżda għandu jkun ta' inċentiv
sabiex il-Kummissjoni jkollha titjib tat-
teknoloġiji li jippermettulha tindirizza
b'mod aktar effettiv il-problema tal-iskart
kompost mill-plastik.*

Or. es

Emenda 66
Anna Rosbach
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2a. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-irkupru u r-riċiklaġġ ta' kull tip ta' plastik, u jisħaq li ppjanar integrat tal-ġestjoni tal-iskart fl-Istati Membri jista' jiżgura li l-faċilitajiet tat-trattament tal-iskart jitqiegħdu fejn ikunu meħtieġa u jkollhom kapacià suffiċjenti;

Or. en

Emenda 67
Vittorio Prodi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tal-plastik għandha tiddefinixxi: miri speċifiċi għall-ġbir u l-issortjar u l-kriterji obbligatorji għar-riċiklabilità (tikkjarifika d-distinzjonijiet bejn riċiklaġġ mekkaniku/organiku u l-irkupru/inċinerazzjoni; l-għan għandu jkun mira ta' mill-anqas 75 % tal-plastik riċiklat sal-2020); tikkettar speċifiku ta' materjali biex jinforma lill-konsumaturi dwar ir-riċiklabilità mekkanika jew organika tagħhom; u, finalment, kriterji għas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba jew għal żmien qasir b' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw u iktar durabbli;

3. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tal-plastik għandha tiddefinixxi: miri **vinkolanti** speċifiċi għall-ġbir u l-issortjar (**80 % sal-2020) tal-flussi varji tal-iskart** u l-kriterji obbligatorji għar-riċiklabilità (tikkjarifika d-distinzjonijiet bejn riċiklaġġ mekkaniku/organiku u l-irkupru/inċinerazzjoni; l-għan għandu jkun mira ta' mill-anqas 75 % tal-plastik riċiklat sal-2020); tikkettar speċifiku ta' materjali biex jinforma lill-konsumaturi dwar ir-riċiklabilità mekkanika jew organika tagħhom; u, finalment, kriterji għas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba jew għal żmien qasir b' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw u iktar durabbli;

Or. en

Emenda 68
Margrete Auken
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tal-plastik għandha tiddefinixxi: miri speċifiċi **għall-ġbir** u l-issortjar u l-kriterji obbligatorji għar-riċiklabbiltà (**tikkjarifika d-distinzjonijiet bejn riċiklaġġ mekkaniku/organiku u l-irkupru/inċinerazzjoni**); l-għan għandu jkun mira ta' mill-anqas 75 % tal-plastik riċiklat sal-2020); **tikkettar speċifiku ta' materjali biex jinforma lill-konsumaturi dwar ir-riċiklabbiltà mekkanika jew organika tagħhom; u, finalment, kriterji għas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba jew għal żmien qasir b' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw u iktar durabbli;**

**Emenda 69
Christa Klauß
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tal-plastik għandha **tiddefinixxi:** miri speċifiċi għall-ġbir u l-issortjar u l-kriterji obbligatorji għar-riċiklabbiltà (**tikkjarifika d-distinzjonijiet bejn riċiklaġġ mekkaniku/organiku u l-irkupru/inċinerazzjoni**); l-għan għandu jkun mira ta' mill-anqas 75 % tal-plastik riċiklat sal-2020); **tikkettar speċifiku ta' materjali biex jinforma lill-konsumaturi dwar ir-**

Emenda

3. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tal-plastik għandha tiddefinixxi: **kriterji għas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba jew għal żmien qasir b' materjal li jista' jerġa' jintuża; is-sostituzzjoni ta' prodotti tal-plastik li jiddependu fuq materjal perikoluż u/jew addittivi perikolużi;** miri speċifiċi **għall-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid, il-ġbir** u l-issortjar u l-kriterji obbligatorji għar-riċiklabbiltà, **li huma applikabbli biss għar-riċiklaġġ tal-materjal** (mekkaniku/organiku); l-għan għandu jkun mira ta' mill-anqas 75 % tal-plastik riċiklat **mingħajr addittivi perikolużi** sal-2020); **u finalment, tikkettar speċifiku ta' materjali biex jinforma lill-konsumaturi dwar ir-riċiklabbiltà mekkanika jew organika tagħhom: jenfasizza wkoll li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tal-plastik għandha tidentifika u tneħħi l-barrieri li jostakolaw l-applikazzjoni korretta tal-ġerarkija tal-iskart;**

Or. en

Emenda

3. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tal-plastik għandha **tkun adattata biex tiżgura dan li ġej:** miri speċifiċi għall-ġbir u l-issortjar u l-kriterji obbligatorji għar-riċiklabbiltà (**tikkjarifika d-distinzjonijiet bejn riċiklaġġ mekkaniku/organiku u l-irkupru/inċinerazzjoni**); l-għan għandu jkun mira ta' mill-anqas 75 % tal-plastik riċiklat sal-2020); **il-ġbir separat ta' materjali u l-**

riċiklabilità mekkanika jew organika tagħhom; u, finalment, kriterji għas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba jew għal żmien qasir b' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw u iktar durabbli;

armonizzazzjoni fl-Ewropa kollha ta' dan il-ġbir, is-separazzjoni u l-ġestjoni ġenerali tal-iskart, sabiex jiġu maħluqa kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni ugwali f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, tikkettar speċifiku, li jikkjarifika jekk prodott jistax jiġi riċiklat, bi struzzjonijiet ċari għall-konsumaturi, sabiex tiġi msaħħa s-separazzjoni tal-materjali għall-ġbir, ir-riċiklaġġ u/jew il-produzzjoni tal-enerġija; u, finalment, kriterji għas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba jew għal żmien qasir b' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw u iktar durabbli;

Or. de

Emenda 70
Elisabetta Gardini
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tal-plastik għandha *tiddefinixxi*: miri speċifiċi *għall-ġbir u l-issortjar u l-kriterji obbligatorji għar-riċiklabilità* (tikkjarifika d-distinzjonijiet bejn riċiklaġġ mekkaniku/organiku u l-irkupru/inċinerazzjoni; l-għan għandu jkun *mira ta' mill-anqas 75 %* tal-plastik *riċiklat sal-2020*); *tikkettar speċifiku* ta' materjali biex *jinforma lill-konsumaturi dwar ir-riċiklabilità mekkanika jew organika tagħhom*; u, finalment, kriterji għas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba jew għal żmien qasir b' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw u iktar durabbli;

Emenda

